4 ta' Mejju, 1953

*Imħallef :—*
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Kollizjoni Fuq il-Baħar — Danni — Likwidazzjoni — Kap. 41.**

Salvatore Cannata ne. *versus* Kaptan Emanoli Skapinakis ne.

*Il-liġi li għandha tirregola l-likwidazzjoni tad-danni dovuti minħabba*

*kolliżjoni fuq il-baħar, fin-nuqqas ta' konvenzjoni internazzjonali, naturalment tvarja skond jekk il-kolliżjoni fuq il-baħar ġratx fuq il-"mare apertum" jew fl-ibħra territorjali. F'dan l-aħħar każ, il-liġi applikabili hija l-liġi tat-territorju fejn tkun inħolqot l-obligazzjoni.*

*Il-Qorti tal-Kummerċ, bħala High Court of Admiralty, għandha ġurisdizzjoni li tiġġudika mhux biss dwar obligazzjonijiet kontrattwali, imma anki dwar obligazzjonijiet "ex delicto" li huma mnisslin minn kolliżjonijiet ta' bastimenti li jkunu rekbin fuq il-baħar.*

*F'materja ta' danni mnisslin minn obligazzjoni "ex delicto", jew minn kważi-delitt, huma dovuti dawk id-danni li jidderivaw mill- u fil-kors ordinarju bħala konsegwenza "di fatto" tal-forza li tkun oriġinathom; u jistgħu jiġu rkuprati dawk id-danni li huma immedjati u prossimi, u mhux dawk remoti. Fi kliem ieħor, il-prinċipju sovran huwa li għandha tiġi kalkulata s-somma ta' flus li tkun adegwata sabiex tagħmel tajjeb lil min ikun sofra t-tort it-telf li huwa jkun sofra bħala riżultat naturali tad-dani li jkun ġie lilu magħmul.*

*Qabel ma jiġi likwidat il-"quantum" tad-dannu, trid tiġi loġikament imgħarbla l-kwistjoni dwar jekk id-danni reklamati kienux jew le immedjati, prossimi, normali, jew li huma l-probabili konsegwenza ta' l-affarijiet imnisslin mill-fatt kwerelat; u f'dan il-każ tipprevali l-"lex loci commissi delicti". Imbagħad tkun meħtieġa riċerka oħra importanti dwar il-liġi li għandha tipprevali fl-eżami tar-responsabilità dwar jekk id-dannu huwiex dirett u normali, u dwar il-liġi li għandha tirregola l-miżura kwantitativa ta' l-istess dannu; u hawn tipprevali l-"lex fori".*

*Prinċipju ieħor ġenerali f'materja ta' danni hu dak li min sofrihom għandu jagħmel mill-aħjar sabiex inaqqas l-estensjoni tagħhom, jissalvagwarda, bħala "bonus pater familias", l-interess ta' min ikun tenut iħallashom.*

*Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġie likwidat, fil-każ preżenti, l-ammont tad-danni dovuti mill-konvenut lill-attur bħala konsegwenza ta' kolliżjoni fuq il-baħar.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-20 ta' Frar 1951, fejn jinstabu mniżżla t-talba ta' l-attur nomine u l-eċċezzjonijiet konvenuti, u fejn ġie deċiż li l-konvenut nomine huwa responsabili tal-kolliżjoni in kwistjoni, u in konsegwen-

za tad-danni lejn l-istess attur nomine, bl-ispejjeż tad-dikjarazzjoni mogħtija definitivament a kariku tal-konvenut nomine;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi, ġa ladarba l-kwistjoni tal-ħtija dwar il-kolliżjoni ġiet deċiża definitivament, ma baqax għal din il-Qorti ħlief l-inkombenza li tillikwida d-danni konsegwenzjali, li skond il-liġi huma dovuti mill-konvenut *nomine*, u tgħaddi għar-relativa kundanna, salvi l-kwistjonijiet ta' *indoli preliminari* dwar il-liġi jew liġijiet li jistgħu jirregolawhom;

*Illi l-liġi* li għandha tirregola l-materja, fin-nuqqas ta' konvenzjoni internazzjonali, naturalment tvarja skond jekk il-kolliżjoni fuq il-baħar tkun ġrat fuq il-"mare apertum" ("high seas" — "alto mare") jew fl-ilma territorjali ("territorial waters" — "acque territoriali"). F'dina l-aħħar ipotesi, li taħtha jaqa' l-każ tagħna, il-liġi applikabili hija l-liġi tat-territorju fejn tkun sorġiet u nħolqot l-*obligazzjoni*, fuq *il-prinċipju li "ex facto oritur jus"* (ara *Ruggiero* Lanza, Istituzioni di Diritto Marittimo Giudiziario, pag. 139 u ta' wara); jew aħjar jingħad li l-każ jaqa' taħt il-liġi ta' dan il-pajjiż, li għandha tkun sovrana, għaliex din hija l-liġi tal-"lex loci delicti commissi", jew "forum speciale obligationis";

Fil-verità, dina l-Qorti (ara Vice Admiralty Court (Transfer of Jurisdiction) Kap. 41 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), bħala High Court of Admiralty, għandha wkoll ġurisdizzjoni fuq u dwar il-kuntratti, espressi u taċiti, imnisslin mill-kawża tal-possess, mir-riparazzjonijiet magħmula u l-provvisti meħtieġa u forniti lill-bastimenti, u dwar is-salarji *dovuti* lill-ekwipaġġi, kif ukoll dwar l-obligazzjonijiet taċiti u virtwali li jitnisslu mis-salvataġġi, li impliċitament jimpurtaw l-irkupru tal-proprjetà mill-perdita jew dannu li javvera ruħu fuq il-baħar, u konsegwenzjalment joħolqu fil-proprjetarji l-obligu tar-restituzzjoni bl-obligu tal-kumpens jew rigal ("with a lien for compensation or reward"). Ma hemmx bżonn jingħad li taħt dina l-ġurisdizzjoni ma jaq-

għux biss dawk li jissejħu "obligationes ex contractu", imma anki l-"obligationes ex delicto", li huma mnisslin mill-kolliżjonijiet ta' bastimenti li jkunu rekbin fuq l-ibħra. Dwar li l-kolliżjoni ġrat fil-limiti territorjali ma jidherx li hemm bejn il-partijiet ebda konfliġġenza (ara Phillimore, "On International Law", Vol. I, paġ. 210, para. CXVII, u Vol. IV, paġ. 447, para. DCXVIII; u Diena, Principi di Diritto Internazionale, paġ. 353 u paġ. 345; Casaregis, De Commercio, disc. 136, no. 1; Hall, International Law, pages 215-216);

Illi, in tema ġenerali ta' dritt, jingħad li f'materja ta' danni mnisslin minn obligazzjonijiet maħluqa minn delitti jew kważi-delitti, huma dovuti dawk li jidderivaw mill- u fil-kors ordinarju bħala konsegwenza "di fatto" tal-forza li tkun oriġinathom. Tabilħaqq, id-danni immedjati u prossimi, u mhux ga dawk remoti, jistgħu jiġu rkuprati. Id-danni huma maqsuma f'żewġ klassijiet, u ċjoè "danni ġenerali" u "danni speċjali". "Danni ġenerali" huma dawk li mil-liġi jiġu preżunti bħala konsegwenza diretta, naturali u normali, jew li huma l-probabili konsegwenza fil-kors ordinarju ta' l-affarijiet derivanti mill-att lamentat jew mill-att li fuqu jkun hemm kwerela; "danni speċjali", mill-banda l-oħra, huma dawk li ma jinnisslux b'inferenza min-natura ta' l-att, u bħala li huma eċċezzjonali fin-natura u essenza tagħhom, iridu jiġu speċjalment mitluba u speċjalment pruvati. Fi kliem ieħor, il-prinċipju sovran — salv dak li sejjer jingħad aktar tard — "in subjecta materia" huwa li għandha tiġi kalkulata s-somma ta' flus li tkun adegwata sabiex tagħmel tajjeb lil min ikun sofra t-tort it-telf li huwa jkun sofra bħala riżultat naturali tad-deni li jkun ġie lilu magħmul; liema soluzzjoni ġiet xi drabi msejħa, għalkemm impropprjament, "restitutio in integrum";

Illi qabel ma jiġi likwidat, kwindi, il-"quantum" taddannu, trid tiġi loġikament mgħarbla l-kwistjoni dwar jekk id-danni reklamati kienux jew le immedjati, prossimi, normali, jew li huma l-probabili konsegwenza ta' l-affarijiet immisslin mill-fatt kwerelat; l-għaliex jekk id-dannu jkun remot, ma jistax ikun hemm ammissjoni ta' danni (fis-sens ta' ħlas numerat) għalih. Dana l-eżami jimplika naturalment riċer-

**ka** obra importanti dwar il-liġi li għandha tipprevali fl-eżami tar-responsabilità dwar jekk id-dannu huwiex diretti, normali, eċċ., jew *remot*, u *dwar il-liġi li għandha irregola l-miżura* **kwantitativa ta'** l-istess dannu;

**Illi, fuq l-awtorità** taċ-*Cheshire* (Private International *Law*, 2nd. edition, page 659), in kwantu għall-ewwel eżami fuq imsemmi għandha tipprevali l-"lex loci delicti commissi", u in kwantu *għat-tieni* eżami (idem pag. 660) għandha jkollha setgħa l-"lex fori". Jingħad, kif qalu tajjeb il-periti, li f'dan il-każ, peress li l-fatt ġara fil-ġurisdizzjoni ta' din *il-Qorti u minnha jrid jiġi ġudikat, fiż żewġ ipotesijiet hija* sovrana l-liġi ta' Malta, fin-nuqqas ta' konvenzjoni internazzjonali f'sens kuntrarju; *liema liġi hija* dik li teqa' aħt il-Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, fil-kapitolu li jittratta dwar id-delitti u kważi-delitti (*art. 1074, 1076 u 1088*);

Illi, peress li l-liġi tagħna "in subjecta materia" trid tiġi kunsidrata flimkien mal-Merchant Shipping Act 1894 (57 *& 58 Victoria c.* 60) (ara Colonial Law, Validity Act sec. 2), huwa ta' min iżomm quddiem għajnejh is-sezzjoni 503 (i), (ii), ta' dak l-istess Att, *li tikkontempla* r-responsabilità taddanni ta' l-armaturi in konnessjoni ma' perdita jew ħsara kaġunata minħabba navigazzjoni mhux proprja tal-bastiment tagħhom *lil bastiment ieħor, u li hija limitata kif* jidher mill-qari ta' dik l-istess sezzjoni, u ma tistax, skond il-każ li jkun, teċċediha. Fil-każ in kwistjoni, l-ammont tad-dannu ma jistax jissupera "an aggregate amount not exeeding £8 for each ton of the ship's tonnage" (ara The Everick 1881, 6 P.D. 127), salv dak *li jingħad* fl-istess Att;

Illi fil-każ in diżamina għandna aċċertat li l-"Gucumermann", skond ma jidher mill-"Lloyd's Register", għandu *dawn* it-tunnellaġġi — Gross 4540, Under Deck 4282, Net 2910;

Illi, wara li ntqal dana *li ġie* premess, dina l-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni;

Ma hemmx kwistjoni li d-danni diretti u immedjati dovuti *għall-kolliżjoni huma* legalment dovuti. Dawna d-danni huma dettaljatament imniżżla fir-relazzjoni ta' l-espert F.

Brooke-Smith fil-fol. 90, markata Dok. Y, imdaħħla mar-relazzjoni ta' Captain A. Messenger.........;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi huwa prinċipju ġenerali, stabbilit f'materja ta' miżura ta' danni, li min isofrihom għandu jagħmel mill-aħjar sabiex inaqqas l-estensjoni tagħhom, biex jissalvagwarda bħala "bonus pater familias" l-interessi ta' min ikun, skond il-każ, tenut eventwalment iħallashom. Dana l-prinċipju huwa radikat fil-ġjus u fil-pratiċità tal-ħajja, l-għaliex mhux skond il-prinċipju tal-ġustizzja naturali li tħalli li d-dannu jestendi ruħu meta tista' tillimitah, bil-ħsieb illi sejjer jirriversa ruħu fuq ħadd ieħor; u mhux skond il-pratiċità tiddepawpera lill-eventwali debitur tiegħek bil-perikolu tal-perdita tal-kreditu eventwali — ipotesi li tista' tavvera ruħha;

Illi minn dana jitnissel li ċ-ċelerità tar-riparazzjoni tad-danni immedjati kellha tiġi mfittxija u intrapriża, wara li kienu saru l-konstatazzjonijiet...........;

*Omissis*;

Illi, per konsegwenza, in kwantu għad-danni materjali immedjati sofferti mill-attur nomine, dina l-Qorti, bħala kumpens, "juxta alligata et probata", tadotta u tiffissa s-somma ta' £250, u tiċħad it-talba għall-kumplament ġenerikament avanzat;

Illi, premess dan li ntqal, dina l-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni l-oħra prossimi sofferti mill-attur nomine in konsegwenza tal-kolliżjoni, bil-limitazzjoni kontenuta fis-sezzjoni 503 (i), (ii) tal-Merchant Shipping Act 1894 (57 u 58 Victoria c. 60) fuq imsemmija. F'din ir-riċerka huwa tajjeb li jiġi segwit l-ordni tal-partiti segwit mill-perit........... Ma hemmx bżonn jingħad li dina l-likwidazzjoni tippresupponi ċ-ċernita u l-aċċertament ta' ċerti punti di fatto, li fuqhom trid tiġi poġġuta l-istess likwidazzjoni;

Illi l-ewwel fatt li għandu jiġi aċċertat huwa n-numru tannies li kienu abbord tal-bastiment u li kienu jiffurmaw l-ekwipaġġ. Fuq dana l-pont għandu jingħad l-ewwelnett li d-dokumenti ta' abbord, miżmuma minn min kellu nteress, m'humiex soddisfaċenti ........ B'dana kollu, però, il-fatt pożitiv li dawk

ineies kienu ngaġġati u ħadmu bħala ekwipaġġ........ għandna aċċertat mir-records tal-Konsolat li n-nies impjegati abbord il-bastiment li sofra d-dannu kienu tmintax il-ruħ, li erbatax minnhom ġew rimpatrijati......... F'dana l-punt huwa tajjeb jingħad taħt liema kondizzjonijiet l-ekwipaġġ ingaġġa, il-għaliex, kif jista' jidher, dana l-aċċertament għandu importanza għall-likwidazzjoni tad-danni. L-armatur Giuseppe Garofalo ingaġġa l-ekwipaġġ tiegħu mhux fuq il-bażi ta' salarju fiss, iżda b'kuntratt ta' natura parteċipativa, fis-sens li l-ħlas tagħhom kellu jsir billi huma jipparteċipaw mill-qliegħ dipendenti mill-qbid tal-ħut, u dak li jissejjaħ komunement "contratto alla parte"...........;

Illi, stabbilit dak li fuq intqal, dina l-Qorti sejra tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni;

Illi l-ewwel kap ta' danni huwa l-perdita tal-gwadann mis-sajd. Dina l-partita hija ammessa mill-liġi tagħna bħala "lucrum cessans", skond l-art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili viġenti...... Fuq ġà ntqal, dak li jirriżulta ġenerikament mill-provi, liema kienu t-termini ta' l-ingaġġament tal-membri ta' l-ekwipaġġ M/V Sebastiana Madre. Dawn il-probabili gwadanji, jew dak li raġjonevolment jista' jingħad li seta' jkun il-qliegħ, jidħol indubbjament fl-espressioni "qliegħ attwali" użata mill-liġi ta' dina l-art. Huwa dmir din il-Qorti, kwindi, tara jekk raġjonevolment, skond il-kors ordinarju ta' l-affarijiet, kieku ma saretx il-kolliżjoni, kienx hemm probabilità ta' qliegħ mill-"pesca" (l-okkupazzjoni tal-persuna li sofriet id-danni)—għal liema xogħol huwa bil-bastiment tiegħu kien attrezzat;

*Omissis;*

Illi m'hemmx bżonn jingħad li dana l-probabili qliegħ kien suġġett għall-intemperji jew stat tal-baħar. Mir-rapport meteoroloġiku publikat perijodikament fil-Gazzetta tal-Gvern (ara G.G. 21 ta' Diċembru 1950, paġ. 1324, u tas-26 ta' Jannar 1951, paġ. 97), ma jidherx li f'dak il-perijodu fuq imsemmi t-temp kien tali li jippreklud lin-navilji peskereċċi, fiż-zona ta' Malta, milli joħorġu għas-sajd........... Dana stabbilit, u meħud in konsiderazzjoni l-perijodu fuq imsemmi, id est 8 ta' Novembru 1950 sal-20 ta' Diċembru 1950, jingħad li meta saret il-kolliżjoni, wieħed mill-perijodi tas-sajd ("scuro") kien

miexi ("in progress"), u kellu jiskadi fil-21 ta' Novembru 1950. Il-perijodu sussegwenti kellu jiftah fis-27 ta' Novembru 1950 u jagħlaq fid-19 ta' Diċembru 1950. Kwindi bejn it-8 ta' Novembru 1950 u l-20 ta' Diċembru 1950 hemm 35 ġurnata..........;

*Omissis;*

Illi t-tieni partita li għandha tiġi likwidata hija dik li tirrigwarda s-salarji ta' l-ekwipaġġ, u ċjoè l-kumpens dovut mill-armatur lin-nies tiegħu;

Fuq dana l-pont jingħad li l-fatt tal-kolliżjoni ma jeżonerax lill-proprjetarju milli jħallas lill-ekwipaġġ skond it-termini tal-konvenzjoni li huwa kellu miegħu, u kwindi huwa tenut jirrivalixxi ruħu kontra l-konvenut nomine, il-għaliex inkiele jkollu jagħmel dak il-ħlas minn butu. Għa ntqal fuq x'kienu ġenerikament it-termini tal-kuntratt bejn l-armatur u proprjetarju u l-ekwipaġġ tal-bastiment "de quo dicimus". Dak l-ispeċi ta' kuntratt huwa konoxxut bħala impenn "alla parte", jew "engagement on profit", fejn l-ekwipaġġ jifforma speċi ta' soċjetà "sui generis" ma' l-armatur jew mal-kaptan tal-bastiment, skond il-każ, fis-sens li, bħala korrispettiv ta' l-opra tiegħu, jirriżerva li jippartecipa fi proporzjoni determinata tal-profitti, u jimpenja ruħu li jservi waqt il-vjaġġ jew, skond il-każ, għaż-żmien fissat fil-konvenzjoni jew l-użu;

Illi jrid jiġi osservat li l-kompetenza territorjali, anki fir-rapporti internazzjonali, ma timportax neċessarjament l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni tal-liġi stranjera in kwantu għar-regolament tad-danni dovuti u li jiddependu minn obligazzjonijiet antecedenti bejn l-armatur u l-ekwipaġġ tiegħu. Tabilħaqq, id-Diena (Principi di Diritto Internazionale, paġina 349) isostni li l-kuntratt ta' arrwolament u l-liċenzjament huma regolati mill-liġi tal-bandiera tal-bastiment;

Illi hemm bżonn, qabel xejn, li jiġu stabbiliti ċerti fattijiet għall-aħjar skjariment ta' dina l-partita, li minnhom tiddependi l-ammissjoni jew iċ-ċaħda tagħha. Il-fattijiet hawn taħt imsemmija jirriżultaw mill-provi :—

*Omissis;*

Dak imbagħad li ma jirriżultax mill-provi huma dawn il-punti, fil-ħsieb tal-Qorti, meħtieġa għall-aħjar espletament

**tax-xogħol tagħha :—**

*Omissis;*

Illi, in kwantu għat-tielet partita, u ċjoè l-ispejjeż tar-rimpatriju ta' l-ekwipaġġ sal-port ta' Sirakuża, l-istess huma ammissibili, il-għaliex, tant fejn tipprevali l-liġi marittima—"maritime law" — (ara Halsbury, Laws of England, Vol. XXX, paġ. 1139), bażata fuq il-kostumanzi, kemm fejn tipprevali l-liġi pożitiva, dawn l-ispejjeż huma rifondibili. Skond il-liġi taljana, dawn l-ispejjeż jitħallsu sal-port fejn isir l-arrwolament (art. 75 Codice di Marina Mercantile)—ara Monografija "Arruolamento d'Equipaggio" ta' l-avukat Eugenio Masè, dari paragrafi 18, 29, 30. 31, 33, 34, 35, 39, 119, 163 u 164, Digesto Italiano Vol. IV, Parte I, paġ. 694 u ta' wara. Dawn l-ispejjeż, li l-attur nomine qiegħed jirreklama sa Sirakuża, il-port fejn, skond l-istess Garofalo, sar l-arrwolament tagħhom, jammontaw għal £2. 16. 0 per capita, in aġġunta għal 1s. ir-ras għad-dgħajsa;

*Omissis;*

Il-partita sussegwenti li sejra tiġi kunsidrata hija dik tal-manteniment ta' l-ekwipaġġ;

Illi dina l-Qorti, fuq dina l-partita, wara l-eżami tal-provi, tħoss li għandha tikkonferma l-istabiliment "arbitrio boni viri" li għamlu l-periti fir-relazzjoni tagħhom, u ċjoè..........;

*Omissis;*

Illi l-"item" dwar l-assikurazzjoni hija l-partita li għandha issa tiġi eżaminata;

Mill-provi jirriżulta li l-bastiment ma kienx assikurat, imma l-armatur huwa obbligat iħallas premju ta' l-assikurazzjoni ta' Lit. 2220 għal kull ras kull perijodu ta' tliet xhur (ara dep. Garofalo fol. 51 tergo tal-proċess). L-istess xhud qal ukoll li, bħala persuna li tqabbad in-nies għax-xogħol (datore di lavoro), huwa, skond il-liġi taljana, obbligat jagħmel ċerti kontribuzzjonijiet lill-Istitut Nazzjonali tal-Previdenza Soċjali ta' Sirakuża. Kemm kien iħallas bħala kontribuzzjoni, fl-ewwel xhieda tiegħu.......... indika dati differenti, kif minn hemm jista' faċilment jidher. Meta xehed quddiem l-Imħallef Supplenti (fol. 370), l-armatur dwar l-assikurazzjoni obbligatorja ta' l-ekwipaġġ qal illi huwa kien iħallas..........;

Qabel ma ngħalqu dina l-partita, trid tiġi kunsidrata l-kontribuzzjoni lill-"Istituto Nazionale della Previdenza Sociale"...........;

Fuq dina l-kwistjoni l-attur ippreżenta d-dokument "A", li ma kienx quddiem il-periti. Dan id-dokument...........;

Illi l-partita li ġejja hija dik tad-drittijiet tal-"Port Dues". Fuq din il-partita jirriżulta mid-dokument preżentat..........
Dawk li jinteressaw din il-kawża huma l-pagamenti li saru mit-8-ta' Novembru 1950 sat-12 ta' Diċembru 1950, għar-raġunijiet li fuq intqalu.......... Dwar l-ispejjeż pretiżi mill-attur nomine għall-għases, l-istess ma ġewx bl-ebda mod sostanzjati...........;

*Illi l-partita dwar il-konsum taż-żejt ("fuel") u tal-"heavy oils" hija l-partita li għandha tiġi analizzata;*

*Omissis;*

Illi, mela, in bażi għall-periodu msemmi bħala ammess u fuq il-prezzijiet mogħtija mill-istess armatur, is-somma ta' £10. 15. 4 hija, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, ġusta u adegwata għal dina l-partita;

Illi l-attur nomine jippretendi xi danni oħra ta' indoli ġenerali, bħal ma huma t-tnaddif tal-qiegħ u ż-żebgħa, li huwa jattribwixxi għall-fatt li l-bastiment baqa' ozjuż fil-port, kif ukoll jippretendi li l-attrezzi peskereċċi, bin-nuqqas ta' l-użu, ġew deprezzati; imma għamlu sewwa l-periti, li dawn il-pretensjonijiet ċaħduhom, għar-raġunijiet minnhom ekwitativament addotti;

Illi, in konklużjoni, kif sejjer jidher, id-danni ammessi ma jissuperawx il-limitazzjoni mposta mis-sezzjoni 503 fuq ċitata tal-Merchant Shipping Act;

Illi, dwar il-kwistjoni tal-lukri, sollevata mill-konvenut nomine, jingħad li talba għal-lukri ma hix kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni; kwindi, dwarha, għandha tipprevali r-regola stabbilita fid-deċiżjoni ta' dawn il-Qrati, Appell 15 ta' Diċembru 1873, in re "Agostino Piscopo vs. Rosina vedova Busietta ed altri" (Vol. VI, paġ. 718);

Illi, kwindi, in konklużjoni u bħala ġabra tal-partiti ammessi u mdaħħla fit-talba għall-kumpens in linea ta' danni, jingħad li ġew dawn l-"items" :—

1. Danni immedjati u materjali lill-bastiment in konsegwenza tal-ħabta, valutati £250;

2. Telf tal-profitti mis-sajd ta' l-armatur, u cjoè "lucrum cessans" kawża tal-ħabta, £869. 17. 7½;

3. Rivalsa ta' l-armatur kontra l-konvenut nomine :—

(a) Għall-bilanċ tal-"minimum" assikurat bħala gwadann fl-ewwel "scuro" interrott mill-ħabta, u minnu dovut lill-ekwipaġġ kollu (eskluż l-armatur stess), £63. 13. 2;

(b) Għall-pagament tal-"minimum" assikurat tal-gwadann favur it-tlieta min-nies li baqgħu abbord, oltre s-sehem tagħhom mill-bilanċ taħt l-ittra (a), salva r-riżerva "si et quatenus" fuq magħmula għal din l-aħħar partita, £25. 14. 6½;

4. Spejjeż rimpatriju ta' l-ekwipaġġ, £39. 18. 0;

5. Manteniment ta' l-ekwipaġġ, £94. 6. 6;

6. Assikurazzjoni u kontribuzzjoni lilll-"Istituto Nazionale Previdenza Sociale", £14, £84. 12. 8;

7. Diritti portwali, £2. 10. 0;

8. Konsum "fuel" u żejt ("heavy oil") biex jitħaddmu l-makni, £10. 15. 4;

Total danni ammessi, £1455. 7. 10;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, previa l-likwidazzjoni tad-danni għall-ammont ta' £1455. 7. 10 kif fuq riportati, billi tikkundanna lill-konvenut nomine jħallas is-somma fuq imsemmija ta' £1455. 7. 10, salva r-riżerva li ntgħamlet fuq il-partita ta' 3 (b) bħala kumpens għad-danni derivanti lill-attur nomine mill-imsemmija kolliżjoni, tant direttament kemm indirettament, iżda b'mod prossimu;

L-ispejjeż li ma ġewx deċiżi jibqgħu għall-konvenut nomine, barra mill-ispejjeż u drittijiet konnessi man-nota ta' l-attur nomine........... u kwint mid-dritt tar-Reġistru, li għandhom jibqgħu għall-attur nomine;

---